

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2365**tat-2 ta' Diċembru 2022****li jemenda l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1801 fir-rigward tal-korrispondenza tat-tabelli ta' mmappjar tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu għat-titolizzazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 270e, it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1801 ⁽²⁾ jispeċifika t-tabelli ta' mmappjar tal-valutazzjonijiet tal-kreditu rilevanti tal-istituzzjonijiet esterni kollha tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAIs, external credit assessment institutions) għall-iskali tal-kwalità tal-kreditu (CQS, credit quality steps) stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 5, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2017/2401 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ emenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013, u b'hekk biddel l-approċċi disponibbli bl-użu tal-valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAI u l-għadd ta' skali tal-kwalità tal-kreditu stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- (3) Ir-rekwiżiti ta' kapital għal pożizzjonijiet f'titolizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom ikunu soġġetti għall-istess metodi ta' kalkolu għall-istituzzjonijiet kollha skont ġerarkija ta' approċċi kif stabbilit fl-Artikolu 254 ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Esterni jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju abbażi ta' 18-il Skala tal-Kwalità tal-Kreditu għal valutazzjonijiet esterni tal-kreditu fuq terminu twil kif stabbilit fl-Artikolu 263 u 264 ta' dak ir-Regolament, li jintroduċi granularità u sensittività għar-riskju msaħħa.
- (4) Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi aġġornata l-korrispondenza tat-tabelli ta' mmappjar fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1801 biex tirrifletti l-istruttura l-għdida tal-iskali tal-kwalità tal-kreditu stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif emendat.
- (5) Mill-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1801, żewġ ECAIs estendew il-valutazzjonijiet tal-kreditu tagħhom biex ikopru strumenti ta' titolizzazzjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi pprovdut l-immappjar tal-ECAIs ikkonċernati.
- (6) Mill-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1801, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu addizzjonali waħda b'metodoloġiji u proċessi fis-seħħ għall-produzzjoni ta' valutazzjonijiet tal-kreditu għal strument ta' titolizzazzjoni ġiet irreġistrata f'konformità mal-Artikoli 14 sa 18 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ filwaqt li ECAI waħda li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1801 ipprova mmappjar għaliha tneħħiet mir-reġistrazzjoni. Peress li l-Artikolu 270e tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirrikjedi l-ispeċifikazzjoni tal-immappjar għall-ECAIs kollha, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1801 jenħtieġ li jiġi emendat biex jipprovdni mmappjar għall-ECAI li għadha kif ġiet irreġistrata, u biex ineħħi l-immappjar għall-ECAI li tneħħiet mir-reġistrazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1801 tal-11 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffissar tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-immappjar tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu għat-titolizzazzjoni b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 275, 12.10.2016, p. 27).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/2401 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti ta' investment (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1801 jiġi emendat skont dan.
- (8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.
- (9) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1801 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 jiġihassar;
- (2) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Tabelli ta' mmappjar skont l-Approċċ I bbażat fuq Klassifikazzjonijiet Esterni

Il-korrispondenza tal-kategoriji ta' klassifikazzjoni ta' kull istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni soġġetti għall-Approċċ I bbażat fuq Klassifikazzjonijiet Esterni mal-iskali tal-kwalità tal-kreditu stabbiliti fl-Artikoli 263 u 264 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 hija stabbilita fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.”;

- (3) l-Anness I jiġihassar;
- (4) l-Anness II huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

ANNEX

“ANNEX II

Tabelli ta' mmappjar għall-finijiet tal-Artikolu 2

CQS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16	17	L-oħrajn kollha
A.M. Best (EU) Rating Services B.V.																		
Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ta' ħruġ fuq terminu twil																		
	aaa(sf)	aa+(sf)	aa(sf)	aa-(sf)	a+(sf)	a(sf)	a-(sf)	bbb+(sf)	bbb(sf)	bbb-(sf)	bb+(sf)	bb(sf)	bb-(sf)	b+(sf)	b(sf)	b-(sf)	ccc+(sf), ccc(sf), ccc-(sf)	Taħt ccc-(sf)
Skala ta' klassifikazzjoni ta' ħruġ fuq terminu qasir																		
	AMB-1+(sf), AMB-1(sf)	AMB-2(sf)	AMB-3(sf)															Taħt AMB-3(sf)
ARC Ratings S.A.																		
Skala ta' klassifikazzjoni ta' ħruġ fuq terminu medju u twil																		
	AAA _{SF}	AA ⁺ _{SF}	AA _{SF}	AA ⁻ _{SF}	A ⁺ _{SF}	A _{SF}	A ⁻ _{SF}	BBB ⁺ _{SF}	BBB _{SF}	BBB ⁻ _{SF}	BB ⁺ _{SF}	BB _{SF}	BB ⁻ _{SF}	B ⁺ _{SF}	B _{SF}	B ⁻ _{SF}	CCC ⁺ _{SF} , CCC _{SF} , CCC ⁻ _{SF}	Taħt CCC ⁻ _{SF}
Skala ta' klassifikazzjoni ta' ħruġ fuq terminu qasir																		
	A-1 ⁺ _{SF} , A-1 _{SF}	A-2 _{SF}	A-3 _{SF}															Taħt A-3 _{SF}

CQS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16	17	L-oħrajn kollha
-----	---	---	---	---	---	---	---	---	---	----	----	----	----	----	----	----	----	-----------------

Fitch Ratings Ireland Limited

Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu twil

	AAA _{SF}	AA ⁺ _{SF}	AA _{SF}	AA _{-SF}	A ⁺ _{SF}	A _{SF}	A _{-SF}	BBB ⁺ _{SF}	BBB _{SF}	BBB _{-SF}	BB ⁺ _{SF}	BB _{SF}	BB _{-SF}	B ⁺ _{SF}	B _{SF}	B _{-SF}	CCC _{SF}	Taħt CCC _{SF}
--	-------------------	-------------------------------	------------------	-------------------	------------------------------	-----------------	------------------	--------------------------------	-------------------	--------------------	-------------------------------	------------------	-------------------	------------------------------	-----------------	------------------	-------------------	------------------------

Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu qasir

	F1 ⁺ _{SF} , F1 _{SF}	F2 _{SF}	F3 _{SF}															Taħt F3 _{SF}
--	--	------------------	------------------	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	-----------------------

HR Ratings de México, S.A. de C.V.

Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu twil

	HR AAA (E)	HR AA ⁺ (E)	HR AA (E)	HR AA- (E)	HR A ⁺ (E)	HR A (E)	HR A- (E)	HR BBB ⁺ (E)	HR BBB (E)	HR BBB- (E)	HR BB ⁺ (E)	HR BB (E)	HR BB- (E)	HR B ⁺ (E)	HR B (E)	HR B- (E)	HR C ⁺ (E)	Taħt HR C ⁺ (E)
--	------------	------------------------	-----------	------------	-----------------------	----------	-----------	-------------------------	------------	-------------	------------------------	-----------	------------	-----------------------	----------	-----------	-----------------------	----------------------------

ICAP S.A.

Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu globali

	AAA _{SF} , AAA _{-SF}	AA ⁺ _{SF}	AA _{SF}	AA _{-SF}	A ⁺ _{SF}	A _{SF}	A _{-SF}	BBB ⁺ _{SF}	BBB _{SF}	BBB _{-SF}	BB ⁺ _{SF}	BB _{SF}	BB _{-SF}	B ⁺ _{SF}	B _{SF}	B _{-SF}	CCC ⁺ _{SF} , CCC _{SF} , CCC _{-SF}	Taħt CCC _{-SF}
--	---	-------------------------------	------------------	-------------------	------------------------------	-----------------	------------------	--------------------------------	-------------------	--------------------	-------------------------------	------------------	-------------------	------------------------------	-----------------	------------------	---	-------------------------

CQS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16	17	L-oħrajn kollha
-----	---	---	---	---	---	---	---	---	---	----	----	----	----	----	----	----	----	-----------------

Japan Credit Rating Agency Ltd

Skala ta' klassifikazzjoni ta' ħruġ fuq terminu twil

	AAA	AA+	AA	AA-	A+	A	A-	BBB+	BBB	BBB-	BB+	BB	BB-	B+	B	B-	CCC	Taħt CCC
--	-----	-----	----	-----	----	---	----	------	-----	------	-----	----	-----	----	---	----	-----	----------

Skala ta' klassifikazzjoni ta' ħruġ fuq terminu qasir

	J-1+, J-1	J-2	J-3															Taħt J-3
--	-----------	-----	-----	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	----------

Kroll Bond Rating Agency Europe Limited

Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu twil

	AAA _(sf)	AA _(sf)	AA _(sf)	AA _(sf)	A _(sf)	A _(sf)	A _(sf)	BBB _(sf)	BBB _(sf)	BBB _(sf)	BB _(sf)	BB _(sf)	BB _(sf)	B _(sf)	B _(sf)	B _(sf)	CCC _(sf) , CCC _(sf) , CCC _(sf)	Taħt CCC _(sf)
--	---------------------	--------------------	--------------------	--------------------	-------------------	-------------------	-------------------	---------------------	---------------------	---------------------	--------------------	--------------------	--------------------	-------------------	-------------------	-------------------	---	-----------------------------

Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu qasir

	K1 _(sf) , K1 _(sf)	K2 _(sf)	K3 _(sf)															Taħt K3 _(sf)
--	--	--------------------	--------------------	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	-------------------------

CQS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16	17	L-oħrajn kollha
-----	---	---	---	---	---	---	---	---	---	----	----	----	----	----	----	----	----	-----------------

Moody's Investors Service

Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil

	Aaa _(sf)	Aa1 _(sf)	Aa2 _(sf)	Aa3 _(sf)	A1 _(sf)	A2 _(sf)	A3 _(sf)	Baa1 _(sf)	Baa2 _(sf)	Baa3 _(sf)	Ba1 _(sf)	Ba2 _(sf)	Ba3 _(sf)	B1 _(sf)	B2 _(sf)	B3 _(sf)	Caa1 _(sf) , Caa2 _(sf) , Caa3 _(sf)	Taħt Caa3 _(sf)
--	---------------------	---------------------	---------------------	---------------------	--------------------	--------------------	--------------------	----------------------	----------------------	----------------------	---------------------	---------------------	---------------------	--------------------	--------------------	--------------------	--	---------------------------

Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu qasir

	P-1 _(sf)	P-2 _(sf)	P-3 _(sf)															Taħt P-3 _(sf)
--	---------------------	---------------------	---------------------	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--------------------------

Scope Ratings GmbH

Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu twil

	AAA _{SF}	AA ⁺ _{SF}	AA _{SF}	AA _{-SF}	A ⁺ _{SF}	A _{SF}	A _{-SF}	BBB ⁺ _{SF}	BBB _{SF}	BBB _{-SF}	BB ⁺ _{SF}	BB _{SF}	BB _{-SF}	B ⁺ _{SF}	B _{SF}	B _{-SF}	CCC _{SF}	Taħt CCC _{SF}
--	-------------------	-------------------------------	------------------	-------------------	------------------------------	-----------------	------------------	--------------------------------	-------------------	--------------------	-------------------------------	------------------	-------------------	------------------------------	-----------------	------------------	-------------------	------------------------

Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu qasir

	S-1 ⁺ _{SF} , S-1 _{SF}	S-2 _{SF}	S-3 _{SF}															Taħt S-3 _{SF}
--	---	-------------------	-------------------	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	------------------------

CQS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16	17	L-oħrajn kollha
-----	---	---	---	---	---	---	---	---	---	----	----	----	----	----	----	----	----	-----------------

S&P Global Ratings Europe Limited

Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu globali ta' ħruġ fuq terminu twil

	AAA _(sf)	AA ⁺ _(sf)	AA _(sf)	AA ⁻ _(sf)	A ⁺ _(sf)	A _(sf)	A ⁻ _(sf)	BBB ⁺ _(sf)	BBB _(sf)	BBB ⁻ _(sf)	BB ⁺ _(sf)	BB _(sf)	BB ⁻ _(sf)	B ⁺ _(sf)	B _(sf)	B ⁻ _(sf)	CCC ⁺ _(sf) , CCC _(sf) , CCC ⁻ _(sf)	Taħt CCC ⁻ _(sf)
--	---------------------	---------------------------------	--------------------	---------------------------------	--------------------------------	-------------------	--------------------------------	----------------------------------	---------------------	----------------------------------	---------------------------------	--------------------	---------------------------------	--------------------------------	-------------------	--------------------------------	---	---------------------------------------

Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu globali ta' ħruġ fuq terminu qasir

	A-1 ⁺ _(sf) , A-1 _(sf)	A-2 _(sf)	A-3 _(sf)															Taħt A-3 _(sf) "
--	---	---------------------	---------------------	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	----------------------------